**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 46 – It-Tnejn, 10 ta' April 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , it-Tnejn 10 ta' April 2023 fil-5.30p.m.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Maria Magri | Kunsillier |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

46.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li bħalma miftiħem fl-aħħar laqgħa, din il-laqgħa ssejħet sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iskemi li għandu japplika għalihom il-Kunsill Lokali

46.2 **Skema Attivitajiet Kulturali**

Is-Sindku John Schembri ppropona li l-Kunsill japplika għall-attivita' kulturali tal-Milied fit-toroq madwar il-knisja parrokkjali, liema attivita' tinvolvi s-sehem tal-għaqdiet lokali, fosthom is-soċjetajiet mużikali, korijiet u l-għaqda tad-drama Skene. Is-Sindku ppropona li jintramaw stalls ta' ikel u xorb ukoll.

Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li skont ir-regolamenti tal-Għaqda Kazini tal-Baned, l-baned jistgħu jitħallsu mhux aktar minn € 1,200 għal kunċert. Il-Kunsillier Andrew Cassar ippropona li ssir mass band bis-sehem tas-soċjetajiet mużikali.

Is-Sindku John Schembri qal li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jressaq il-proposta lis-soċjetajiet mużikali u jitlob stima għas-servizz.

Is-Sindku John Schembri ppropona li jinġabru stimi sabiex jiżżejnu t-toroq fejn se tinżamm din l-attivita' u d-dawl jinxtegħel nhar it-8 ta' Diċembru, filwaqt li l-attivita' tinżamm il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li japplika għall-iskema Attivitajiet Kulturali.

46.3 **Clean Up Day Campaign**

**Is-Sindku John Schembri ppropona li l-Kunsill jorganizza attivita' Clean Up Day nhar is-16 ta' Settembru 2023, bis-sehem tal-Luqa Scouts Group u Luqa Girl Guides.**

**Il-Kunsill approva b'mod unanimu li japplika għall-iskema b'din l-attivita'.**

46.4 **Skema Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Kapitali**

Is-Sindku John Schembri ppropona li l-Kunsill iressaq l-applikazzjoni għar-resurfacing ta' Triq Ġużeppi Ellul, liema triq kienet saret mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li titressaq din il-proposta.

46.5 **Skema Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati**

**Is-Sindku John Schembri** ppropona li qabel il-Kunsill japplika għal din l-iskema jieħu l-parir tal-iSpettur Mark Cremona, sabiex flimkien jaraw il-ħtiġijiet tal-Community Police fil-lokalita'.

Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-iSpettur Cremona u wara jerġgħu jiddiskutu din l-iskema.

46.6 **Is-Sindku John Schembri nfurma li Luqa FC se jkunu promossi għall-First Division u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għall-aħħar logħba. Is-Sindku ppropona li jorganizza transport mingħajr ħlas għal dawk li jixtieqi jmorru jaraw din il-logħba.**

**Il-Kunsill approva b'mod unanimu.**

46.7 **TMIEM TAL-LAQGĦA**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.00p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 3 ta' Mejju 2023, fis-6.30p.m.

Minuti ġew approvati llum, l________________________

John Schembri
Sindku

Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv